# GħAL ĊIMITERJU.

GħAD-DELL . TAS-SALIB
IT-TAMA . WEĦIDHA . TAGħNA
HAWN . FIL-BEWSA . T'ALLA . MISTRIEĦA
SAKEMM . JASAL . JUM . IL-ĦAQQ
META . L-ĦABBAR . T'ALLA . JDOQQ . BIEX . IQAJJIMNA
U . AĦNA . NQUMU
GħAX . HUNA . L-EWLIENI . QAM . HUWA . WKOLL
U . DAWN . L-IĠSMA . TAGħNA
LI . NŻERGħU . FIT-TAĦSIR . U . L-GħAJB
JERĠGħU . JINGħAQDU . MA' . RWIEĦNA
BIEX . QATT . IŻJED . MA . JINFIRDU
JITBIDDLU . U . JINTLEW . BIL-QAWWA . U . S-SEBĦ
U . AĦNA . NTENNU . JA . MEWT . FEJNHA . REBĦIETEK
INTIRU . BĦAR-RIĦ
IMMORRU . NILTAQGħU . MA' . L-IMĦALLEF . TAL-ĦAQQ
LI . JDAĦĦALNA . MIEGħU . FIS-SALTNA
LILNA . MHEJJIJA . MINN . MISSIERU
FEJN . JINSABU
IL-FARAĠ . ID-DAWL . U . L-MISTRIEĦ . TA' . DEJJEM
B'DIN . IT-TAMA . GħALAQNA . GħAJNEJNA
U . NERĠGħU . NIFTĦUHOM . META . SSEĦĦ.

**Dun Pawl.**

# KIF BDIET U MXIET IL-GħAQDA

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

IL-KUNĊERT.

Biex *il-Għaqda* tistampa il-Grammatka kellha bżonn tal-flus u l-ewwel ma ttantat biex tiġborhom kien billi tagħmel Kunċer, Malti: kunċert, li bih, fl-istess ħin, tkun tista' turi x'isarraf ilt lsien malti.

Dal-Kunċert sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar 1923.

X'sar fil-Kunċert:

L-EWWEL BIĊĊA. Beda il-kliem tal-President, is-Sur Ġużê Muscat-Azzopardi fejn wera x-inhuma l-ħsebijiet tal-Għaqda.

Sebbħet l-ewwel biċċa s-"Società Mandolinistica "Melita" tal-Birgu billi daqqet ħafna bċejjeċ: kollha ta' Awturi Maltin; kienu sbieħ iż-żewġ solojiet, wieħed fuq il-Kitarra mis-Sur Romeo Barbara u l-ieħor (fit-tieni biċċa) fuq il-Vjolin mis-S.na Mary Magri.

"Il-Għanja ta' Malti fl-Amerika", poeżija tal-Prof Dun Karm Psaila, għaxxqet lil kullħadd bil-ħlewwa tagħha.

Il-Kontradanza Maltija li żifnuha tfal minn tas-Sliema kienet l-isbaħ fl-ewwel Biċċa. Żifnuha ħelu, sewwa u taw gost lil kullħadd.

FIT-TIENI BIĊĊA barra mir-*resumé* tal-Ġrajja Maltija "Il-Fidwa tal-Bdiewa" kien hemm żewġ Rumanzi bil-Malti: il-waħda "Nofs ta' Kelma" immużikata mis-Sur Paolino Sammut Inglott, Alla jâtih il-Ġenna, li kantatha is-S.na Giuseppina Muscat: ħelwa tassew il-mużika tagħha u kompliet qalgħetha fil-kant is-S.na Muscat li kellha terġagħha; l-oħra "Ftakar" immużikata mis-Sur Goff. Serge li kantaha s-Sur Karm Chircop u li qalgħet applaws mit-Teatru kollu. Il-Kliem ta' l-ewwel ta' Fra Lippo Lippi: tat-tieni ta' Gino Muscat Azzopardi.

Ingħidu xi ħaġa żgħira fuq "Il-Fidwa tal-Bdiewa".

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" hi Ġrajja tar-Raba, miktuba versi għall-palk mis-Sur Nin Cremona. F'ħames Atti, bi kliem qawwi, bi kliem għani, l-awtur niseġ ġrajja storika ta' żmien il-Ħakma fuq Malta ta' Gonsalvo Monroy li lilu r-Re Alfonso, kien rahan Malta għal 30,000 fjorin. Il-Ġrajja tfakkar mita l-Maltin, imxabbgħa mill-ħakma ħażina tiegħu, qamu (1427) u baqgħu sa kemm bi flushom fdew lil Malta minn taħt idejh.